

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**NEWSLETTER 01**

2019-1-ESO1-KA204-063951

EcoBLUE Tourism

# Ecoblue Tourism

### Ibda negozju fis-settur ekoloġiku tat-turiżmu blu

## Ecoblue Tourism Kick off Meeting



Bejn it-2 u t-3 ta' Diċembru, il-koordinatur tal-proġett, l-FUE-UJI, ospitat il-laqgħa inizjali bejn l-imsieħba tal-proġett Ewropew 'Ecoblue Tourism' f'Castellón (Spanja). Dan il-proġett, iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea taħt l-azzjoni strateġika "Erasmus+ KA2 Strategic Partnerships for Adult Education", għandu l-għan **li jippromwovi l-intraprenditorija fis-settur tal-ekoturiżmu fiż-żoni kostali**. Permezz ta' metodoloġiji ta' taħriġ innovattivi u totalment virtwali, l-'Ecoblue Tourism' se jinkoraġġixxi dan it-tip ta' intraprenditorija fost żgħażagħ qiegħda fit-tul.



L-Università ta' Patras (il-Greċja), L-Istitut Edukattiv Dorea WTF (Ċipru), Training 2000 psc (L-Italja), iċ-Ċentru ta' Edukazzjoni Pubblika Kemer (it-Turkija), iċ-Ċentru ta' Edukazzjoni Terzjarja Future Focus Ltd (Malta) u l-Assoċjazzjoni tan-Negozjanti Galizjani f'Aragona u Riberas del Ebro, AEGARE (Spain), huma l-imsieħba ta' dan il-proġett Ewropew li hu ikkowordinat mill-Uffiċċju tal-Proġetti Ewropej u Internazzjonali tal-FUE-UJI (EuroFUE-UJI).

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union



EcoBLUE Tourism

# Ecoblue Tourism

## Ibda negozju fis-settur ekoloġiku tat-turiżmu blu

### O1 – Gwida ta' taħriġ fuq pjanijiet tan-negozju li għandu x'jaqsam mat-turiżmu blu

Dan il-ħruġ intelletwali jikkonsisti fil-kreazzjoni **tal-gwida ta' taħriġ** biex ngħalmu l-istudenti tal-kors fuq in-negozju tat-turiżmu blu kif jikkreaw **pjan għan-negozju**. Dan il-pjan ħa jkompli jinbena fuqu fit-tieni ħruġ intelletwali. Dan il-gwida ser jinkludi eżempji ta' suċċess fin-negozju, informazzjoni fuq it-turiżmu blu, u eżempji ta' pjanijiet tan-negozju. Dan il-pjan ser ikun maqsum f'passi dettaljati ta' kif wieħed għandu jikkrea dan il-pjan, u kull unit didattiku li għandu x'jaqsam fuq in-negozju tat-turiżmu blu ser ikun spjegat.



### O2 – L-app edukattiva tal-'Ecoblue Tourism'



It-tieni ħruġ intellettwali hu l-izvilupp tal-**mobile app**. Din l-applikazzjoni ser taħdem fuq smartphones u tablet li huma kompattibli ma' Android u iOs. Il-kontenut tal-app ser jiffoka fuq l-intraprenditorija billi tapplika l-metidoloġiji tal-ECVET fil-qafas tal-**EntreComp**. Apparti minn hekk, ser tinkludi spjegazzjoni fuq it-tmexxija tal-mobile app. L-għanijiet ta' dan il-ħruġ intelletwali huma biex ngħarfu l-metidoloġiji tat-taħriġ intraprenditorjali zviluppati fl-ewwel ħruġ intelletwali u biex ngħalmu n-nies kif jużaw l-app bħala mezz didattiku.

Follow us!

www.ecobluetourism.eu

@ecobluetourism1

@Ecobluetourism

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**NEWSLETTER 01**

2019-1-ESO1-KA204-063951

EcoBLUE Tourism

# Ecoblue Tourism

## Ibda negozju fis-settur ekoloġiku tat-turiżmu blu

### L-'Ecoblue Tourism' hu ppreżentat fil-konferenza tal-Erasmus+ fl-Universita ta Jaume I



L-Università Jaume I ta' Castellón organizzat konferenza tal-Erasmus+ fit-13 ta' Frar 2020. Il-proġett tal-'Ecoblue Tourism' ġie introdott bħala każ ta' suċċess fil-qafas ta' din il-konferenza, li għandha l-għan li tħeġġeġ lill-gruppi ta' riċerka universitarji u assoċjazzjonijiet oħra biex jipparteċipaw fil-programm Erasmus+. L-'Ecoblue Tourism' huwa eżempju ta' prattiċi tajbin u ta' suċċess kemm għat-tħejjija ta' proposta tal-proġett kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-proġett.




### Il-konsorzju ntaqa' b'mod virtwali

Il-konsorzju ddeċieda li jieħu vantaġġ tat-teknoloġiji diġitali ġodda biex il-laqgħa ssir onlajn fis-16 ta' Ġunju. It-tieni laqgħa Transnazzjonali, li kellha ssir Malta f'Mejju, reġat ġiet skedata mill-ġdid biex isseħħ f'dawn ix-xuhur li ġejjin.

www.ecobluetourism.eu @ecobluetourism1 @Ecobluetourism

***Disclaimer:*** *The European Commission's support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents, which reflect the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.*